**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-12 ta' Settembru 2022**

**Rikors Numru : 30/2021 JPG**
**Kawza Numru : 13**

**AC (ID 36061G)**

**Vs**

**ACM u b'digriet tal-20 ta' Mejju 2022 kunjom l-intimata gie korrett ghal M**

**U**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**U**

**B'digriet tas-27 ta' Mejju 2021, VC (ID 484877M) gie kjamat in kawza.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AC datat 26 ta' Jannar 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-attur kellu relazzjoni mal-konvenuta ACM;*

2. *Illi fiz-zmien li l-partijiet kellhom din ir-relazzjoni u dan ad insaputa tal-attur, l-konvenuta kienet ghadha mizzewwga ma' certu VC;*

3. *Illi nhar il-hmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u hdax (2011), cioe matul iz-zwieg tal-konvenuta ACM u minn relazzjoni intima bejn l-attur u l-konvenuta*

*twieled iben, illi inghata l-isem ta' GCM;*

4. *Illi mill-atti tat-twelid tal-minuri jirrizulta illi l-minuri gie registrat fuq VC li dak iz-zmien kien ghadu zewgha, ai termini tal-Artikolu 67 tal-Kodici Civili, kopja originali tal-imsemmi Att tat-Twelid, qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. B.*

5. *Illi sussegwentement, saru t-testijiet ta' DNA relattivi ghall-minuri GCM, u jirrizulta mir-Rapport Relattiv datat hdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), u redatt minn Dr. Marisa Cassar, Laboratory and Technical Manager fi hdan MLS BioDNA Limited, fejn irrizulta li l-attur huwa l-missier bijologiku tal-minuri;*

6. *Illi l-attur ghandu interess li jigi korrett ic-certifikat tat-twelid ta' ibnu l-miunri ai termini tal-artikolu 86 tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan sabiex ikun jirrifletti r-realta' u sabiex ikun jista' legalment jezercita d-drittijiet tieghu bhala missier;*

7. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tordna l-kjamat in kawza lis-Sinjur VC detentur tal-karta tal-identita numru 484877(M) u dan ghal kull interess illi jista' jkollu;*

2. *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur AC huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri GCM u konsegwentement;*

3. *Tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri GCM billi fil-kolonna fejn hemm indikat id-dettalji tal-missier, jigu kkancellati d-dettalji ta' VC u jigu sostitwiti b'isem u kunjom l-attur u cioe 'AC' u tordna ukoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghall-professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta' ghall-post tat-twelid u residenza, u ghal isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu korretti kontestwalemnt billi jigu sostitwiti b'dawk il-partikolaritajiet qieghdin annessi fin-nota prezentata ma' dan ir-Rikors.*

4. *Tordna li l-kunjom tal-minuri mil-lum 'il quddiem, ikun l-istess kunjom tal-missier naturali u cioe 'C'.*

5. *Tordna, jekk ikun il-kaz, l-korrezzjoni f'kull att iehor relattiv u sussegwenti ghal tali ceritfikat tat-twelid;*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u kontra l-kjamat in kawza, jew min minnhom, ingunti minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' tad-Direttur tar-Registru Pubbliku f'Ghawdex, datata 31 ta' Mejju 2021 a fol 22 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti mhux qieghda topponi ghat-talba tar-rikorrent u ghalhekk qeghda tirremetti ruhha ghas-salv gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

2. *Illi kwalunkwe realta' biologika wahedha m'ghandha qatt tipprevali fuq prezunzjoni legali li hija bazata fuq realta' familjari u socjali li hi kompatibbli mal-pussess ta' stat. Illi ghalhekk ghalkemm test xjentitifku jista' jaghti konkluzjonijiet pjuttost konklussivi; pero' wahdu dan b'ebda mod ma ghandu jitqies li jista jxejjen il-konkluzjoni kuntrarja li tkun intlahqet b'evidenza ohra bhal dik indikata fl-Artikolu 80 tal-Kodici Civili;*

3. *Illi nonostante, l-esponent tissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta agir ta' l-esponenti u kwindi hu m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjes tal-kawza istanti;*

4. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

*Bl-ispejjez.*

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta datata 4 ta' Gunju 2021, a fol 18 et seqq., li taqra hekk:

***<u>Eċċezzjonijiet Preliminari</u>***

1. *Illi in vena preliminari, l-esponent jeċċepixxi illi din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex il-kompetenza ratione loci sabiex taqta' u tiddeċiedi t-talbiet kif dedotti mir-rikorrent u dan stante li l-Att tat-Twelid tal-minuri GC ġie reġistrat fir-reġistru ta' Għawdex;*

2. *Illi in linea preliminari wkoll, l-esponent mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal- ġudizzju. Għandu jiġi rilevat li annotazzjonijiet fuq atti reġistrati fir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex ma jistgħux isiru mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ta' Malta;*

3. *Illi fit-tieni lok, l-esponent huwa tal-umli fehma illi din l-Onorabbli Qorti għandha ssejjaħ lil minuri GC fil-proċeduri istanti, stante li din l-azzjoni titratta l-filjazzjoni tiegħu u għalhekk ikun idoneju illi huwa stess jkun parti minn din il-kawża għal kull interess li jista' jkollu. Illi ġialadarba dan jiġi msejjaħ fil-kawża l-esponent huwa tal-umli fehma illi din l-Onorabbli Qorti għandha taħtar kuraturi għall-istess minuri ai termini tal-artikolu 783 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *Illi fit-tielet lok, huwa essenzjali għall-integrita' tal-ġudizzju li r-rikorrent jitlob il-korrezzjoni fl-okkju tal-proċedura istanti ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex kunjom l-intimata jkun jidher bħala 'CM' u mhux 'CM', stante li dan huwa l-kunjom li jappartjeni lilha hekk kif jirriżulta mill-Att tat-twelid tal-minuri GC;*

5. *Illi fir-raba' lok, għall-inqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponent jidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtieġa ai termini tal-Artikolu 77Ċ tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għaliex it-terminu stabbilit mil-liġi ta' sitt xhur mit-twelid tal-minuri, f'liema perjodu l-persuna ikkonċernata tkun tista' tipproċedi b'kawża ta' denegata paternita' u ta' dikjarazzjoni ta' parentela ai termini tal-Artikolu 77A, għadda. Għaldaqstant, f'dan l-istadju għandu jiġi ddikjarat jekk ir-rikorrent ġiex awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jipproċedi bil-kawża istanti, u fin-nuqqas ta' dan, f'ġieħ l-ekonomija tal-*

*ġudizzju, ir-rikorrent għandu jirregola l-pożizzjoni tiegħu immedjatament;*

6. *Illi fil-ħames lok u b'referenza għal-ewwel talba tar-rikorrent, din it-talba hija 'nsostenibbli stante li VC kellhu jkun parti mil-kawża u ċioe' parti fl-okkju mal-ewwel. Madankollu, peress li dan ma sarx, VC għandu jiġi msejjaħ fil-kawża stante li bħalissa huwa mniżżel bħala missier il-minuri fuq l-Att tat-Twelid;*

***Eċċezzjonijiet fil-Mertu***

7. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent irid jegħleb il-presunzjoni legali maħluqa tramite l-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinċiment juri li l-pussess ta' stat tal-minuri GC ma jaqbilx mal-att tat-twelid tiegħu;*

8. *Illi l-esponenti jissottometti illi fil-mertu u b'referenza partikolari għall-paternita' in kwistjoni tal-minuri GC, huwa mhux edott mill-fatti li ġew iddikjarati mir-rikorrent fir-rikors ġuramentat u għaldaqstant qiegħed jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

9. *Illi stante li din hija kawża ta' rikonoxximent ta' paternita' li qiegħda tiġi msejsa ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa ċar illi sabiex tirnexxi l-kawża istanti, ir-rikorrent irid ai termini tal-istess artikolu, jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-minuri GC, il-konvenuta ACM kienet wettqet adulterju mal-attur AC u di piu' jrid jipprova ukoll xi fatt ieħor li jistgħu ikunu testijiet ġenetiċi li jeskludu lil VC ir-raġel tal-konvenuta ACM, bħala l-missier naturali tal-imsemmi minuri GC;*

10. *Illi mir-rikors promotur, jidher illi diġa' sar test tad-DNA li jikkonferma li l-attur huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri. Għal tali test, l-esponent ma jsib l-ebda oġġezzjoni, salv pero' illi dan it-test għandu jiġi ppreżentat u jkun maħluf minn Dr. Marisa Cassar;*

11. *Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li jintlaqgħu it-talbiet tar-rikorrenti, l-*

*esponent jistieden lir-rikorrent AC sabiex permezz ta' nota jippreżenta d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament: (1) In-numru tal-karta tal-identita` tiegħu; (2) Ismu u kunjomu; (3) L-eta` tiegħu meta twieled il-minuri; (4) Il-post tat-twelid tiegħu; (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieled il-minuri (6) Isem u kunjom missieru; u (7) Jekk missieru kienx għadu ħaj meta twieled il-minuri. Tali informazzjoni hija meħtieġa sabiex tiġi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri GCM bin-numru progressiv 136 tal-2011;*

12. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri;*

13. *Illi b'referenza għal-ħames talba, ir-rikorrent għandu jiċċara liema atti oħra qiegħed jitlob li jsir korrezzjoni tagħhom u kif ukoll jipprovdi n-numru progressiv tal-istess atti u dan dejjem fl-ipotesi li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent;*

14. *Illi finalment u dejjem mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponenti u għalhekk huwa m'għandhux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

15. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi ai termini tal-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Novembru 2021, a fol 25 tal-atti, id-Direttur tar-Registru Pubbliku Malta irtira l-ewwel eccezzjoni stante illi l-intimata tinsab tirrisjedi fil-facilita' korrettiva; Rat ukoll illi fl-istess udjenza l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku Malta gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Rat id-digriet taghha datat 3 ta' Novembru 2021, a fol 25;

Rat id-digriet taghha datat 27 ta' Mejju 2021, illi permezz tieghu VC gie kjamat in kawza;

Rat in-Nota tad-Direttur tar-Registru f'Ghawdex, datata 19 ta' Novembru 2021, vide fol 28;

Rat illi l-Kuraturi Deputati, Dr Martin Fenech u PL Veronica Rossignaud, debitament notifikati ma ppresentaw ebda risposta (vide riferta fol 14 u vide verbal fol 22);

Rat id-digriet taghha datat 30 ta' Mejju 2022 fejn kunjom l-intimata ghandu jaqra ghal 'CM' minflok 'CM' (vide fol 39);

Rat il-verbal tas-6 ta' Lulju 2022, fejn l-attur iddikjara illi kien lest li jkopri l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri inkluz tal-intimata ACM; (vide fol 41);

Rat inoltre, illi l-attur AC kif ukoll l-intimata ACM iddikjaraw u qablu illi l-minuri jinghata il-kunjom ta' CM; (vide fol 41);

Rat ukoll illi l-kjamat in kawza VC, debitament notifikat u msejjah diversi drabi, ma deherx u ma ppresenta ebda risposta ghaldaqstant huwa kontumaci, (vide fol 41);

Rat in-nota ta' AC datata 29 ta' Lulju 2022 (vide fol 48);

**Ikkonsidrat:**

**L-attur, AC xehed permezz ta' affidavit** *(vide fol 38 tal-atti)* u spjega illi huwa iltaqgha mal-intimata fis-sena elfejn u disgha (2009) u bdew relazzjoni. Jishaq illi dak iz-zmien huwa kien jaf illi l-intimata kienet ghadha mizzewgha pero' kienet qaltlu li kienet intavolat proceduri ghas-separazzjoni. Madwar sena wara li bdew ir-relazzjoni taghhom, l-intimata kient infurmatu illi kienet qieghda tistenna tarbija. Tul it-tqala huma kienu baqghu flimkien, u l-attur kien minghalih li l-intimata kienet isseparat izda huma ma tantx kienu jitkellmu fuq is-separazzjoni. Dakinhar tat-twelid tal-minuri, huwa mar maghha l-isptar u anke kien prezenti ghat-twelid. Illi l-intimata kienet marret wahida biex tirregistra lill-minuri u dana peress li huwa kien xoghhol. Illi sa dak iz-zmien huwa kien minghalih li l-minuri registrat fuq ismu. Illi r-relazzjoni taghhom prosegwit u kienet dejjem l-intimata li kienet tiehu hsieb l-affarijiet li kienu jikkoncernaw lill-minuri, u meta waslu biex jirregistrawh ghall-iskola, kienet l-intimata li kienet hadet hsieb kollox.

Darba minnhom kienet cemplitlu l-intimata biex imur jigbor lit-tifel mill-iskola tmur tigbru hi, u meta mar l-iskola, il-Kap tal-Iskola kienet staqsietu minn kien u anke talbitu l-karta tal-identita'. Huwa kien qalilha li G kien ibnu u kien f'dan il-mument illi l-Kap tal-Iskola qaltlu l-minuri jgib il-kunjom C u mhux C. Illi din kienet l-ewwel darba li l-attur kien rinfaccjat b'din is-sitwazzjoni. Illi meta mar id-dar, l-intimata kient assiguratu illi l-minuri huwa ibnu, pero' peress li hija kienet ghadha mizzewga meta t-tifel kien gie konceput, bilfors kellu jiehu l-kunjom C u mhux C. Filfatt huwa kien ordna certifikat tat-twelid tal-minuri, u effettivament dan kien kollu minnu. Huwa kien talab lill-intimat sabiex isiru testijiet xjentifici biex tigi konfermata il-paternita' tal-minuri u filfatt dan it-test kien ikkonferma illi l-attur huwa missier il-minuri. Snin wara huwa iddecieda i jintavola l-proceduri odjerni sabiex il-minuri jigi maghruf bhala l-wild naturali tieghu. Illi fil-prezent, il-minuri jirrisjedi mal-attur u man-nanniet materni peress li l-intimata qieghda tiskonta sentenza ta' habs.

**L-intimata ACM xehdet nhar it- 30 ta' Mejju 2022** ***(vide fol 46 et seq)*** u spjegat illi hija kienet iltaqghet mal-attur Ghawdex waqt li hi kienet qieghda btala hemm hekk. Illi huma kienu qabdu johorgu flimkien u minn hemm hekk bdew relazzjoni. Illi huma kienu ghamlu tlett snin flimkien u anke kienu jghixu flimkien. Illi meta hija harget tqila, hija kienet separata de facto imma ma kienx hemm kuntratt li jirregola s-separazzjoni taghha minn ma' zewgha. Illi filfatt hija kienet ilha tghix 'l boghod minn zewgha madwar ghaxar (10) snin. Hija kienet izzewget ta' tmintax (18) – il sena u cioe f'Settembru tas-sena 2005, u sseparat sena wara u cioe fis-sena 2006. Hija kienet iltaqghet mal-attur cirka hames snin wara li sseparat de facto minn mar-ragel taghha. Hija tishaq illi peress li kienet ghadha mizzewga, l-minuri G kellu jiehu kunjom zewgha, u tinsisti illi l-attur kien jaf bil-wild l-iehor miz-zwieg taghha. L-intimata tikkonferma illi l-kuntratt ta' separazzjoni ghadu ma giex iffirmat, u dana peress li zewgha qatt ma jitla l-Qorti u dan minkejja li hija fethet seba' medjazzjonijiet. Illi ormai hija qatghet qalbha.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija kawza maghmula ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kodici Civili, ai termini ta' liema:

> ***Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, kull min jgħid li huwa l-ġenitur naturali ta' wild imwieled fiż-żwieġ, jew il-werrieta tiegħu jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled il-wild, jista' jmexxi b'rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi li wiled, il-konjuġi l-ieħor u l-wild, jew il-werrieta***

***rispettivi tagħhom jekk xi ħadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jiġi dikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u dan jekk kemm-il darba huwa jirnexxielu jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild, il-konjuġi li wiled kien wettaq adulterju miegħu, u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lill-konjuġi l-ieħor bħala l-ġenitur naturali tal-wild.***

L-Artikolu 81 li ghalih jaghmel referenza l-artikolu appena citat, jipprovdi illi:

***(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.***

***(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu.***

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-Artikolu 80 tal-Kodici Civili, skont liema:

***(1) Il-pussess tal-istat ta' iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta' fatti li, meħudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jgħid li hi l-familja tiegħu.***

***(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:***

***(a) illi t-tifel ikun ġieb dejjem il-kunjom tal-missier li tiegħu hu jgħid li huwa l-iben;***
***(b) illi l-missier ikun ittrattah bħala ibnu, u, f'dik il-kwalità, ħaseb għall-manteniment u edukazzjoni tiegħu, u sabiex jikkollokah;***
***(ċ) illi t-tifel ikun ġie dejjem magħruf bħala tali man-nies;***
***(d) illi huwa jkun ġie magħruf bħala tali mill-familja."***

Fir-rigward tal-Artikolu 81 hawn fuq citat, fis-sentenza fl-ismijiet ***Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et noe***, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Mejju 1996 intqal illi:

> ***Iktar ma jghaddi z-zmien aktar qed taqbad l-gheruq il-fehma li r-realtajiet biologici socjali ghadhom jipprevalu fuq il-prezunzjoni legali li pater est quem iustaw nuptaie demonstrant. Fil-kaz ta' Kroon versus The Netherlands, il-Qorti Ewropea hadet in konsiderazzjoni li n-nozzjoni ta' familja ma kinitx ristretta biss ghar-relazzjonijiet ibbazati fuq iz-zwieg izda tapplika wkoll ghal de facto family ties ohra fejn il-partijiet ikunu qed jghixu flimkien izda mhux fl-ghaqda taz-zwieg. Huwa fid-dover ta' l-istat li jagixxi b'mod li din ir-relazzjoni tkompli tizviluppa fl-interess ta' l-istess minuri. Ghalhekk l-artikolu 81 tal-Kodici Civili m'ghandux johloq ostakolu ghall-akkoljiment tat-talbiet ta' l-attur.***

Il-Qorti rat illi l-minuri GM twieled nhar il-hmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u hdax (2011), u gie registrat bhala iben l-intimat VC li dak iz-zmien kien ghadu legalment mizzewweg mal-intimata ACM. Mix-xhieda mhux kontradetta tal-intimata jirrizulta ukoll illi ghalkemm l-intimata ACM u l-intimat VC ghadhom mhumiex legalment separati, ilhom *de facto* separati mis-sena elfejn u sitta (2006) u cioe sena wara li gie celebrat iz-zwieg taghhom fis-sena elfejn u hamsa (2005).

Illi jirrizulta li l-intimata ACM u r-rikorrenti bdew relazzjoni intima flimkien meta l-intimata kienet diga ilha circa hames snin de facto separata minn ma' zewgha l-intimat VC. Illi matul ir-relazzjoni taghhom, l-intimata u l-attur kienu wkoll jirrisjedu flimkien, b'dana illi l-attur dejjem kien prezenti fil-hajja tal-minuri sa mit-twelid u effettivament il-minuri u l-intimat VC, m'ghandhom l-ebda rapport. Illi filfatt din il-Qorti rat kif ir-rikorrenti kien dejjem prezenti fil-hajja ta' ibnu bhala missieru sa minn meta twieled, mantnih u ghadu hekk irabbih sal-gurnata tal-llum, propju ghaliex il-minuri jirrisjedi mal-attur missier, u n-nanniet materni, u dana in vista tal-fatt li l-intimata qieghda tiskonta sentenza ta' prigunerija gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Illi *di piu*, din il-Qorti rat ukoll illi mit-testijiet genetici esebiti *a fol 45 et seq*, liema testijiet gew konfermati bil-gurament ta' Dr Marisa Cassar permezz ta' affidavit *a fol 44* li f'kawzi bhal dawn huma l-prova regina, jirrizulta car illi r-rikorrenti huwa l-missier biologiku tal-minuri. Illi ghalhekk il-parentela tal-minuri giet stabbilita' minghajr ombra ta' dubbju u minn dan isegwi illi t-talbiet tar-rikorrenti huma fondati fil-fatt u fid-dritt, u kwindi ghandhom jigu milqugha.

Fir-rigward tal-kunjom tal-minuri, il-Qorti rat illi fil-verbal tas-seduta tas-6 ta' Lulju 2022, ir-rikorrenti u l-intimata CM urew ix-xewqa illi l-minuri ghandu jiehu l-kunjom "CM" minflok

"CM". Illi ghalkemm din il-Qorti hija konsapevoli illi *ormai* il-minuri ghandu hdax- il sena, huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi kunjomu jkun "CM" li ghalhekk ikun wiehed li jirrispekkja l-paternita' vera tal-minuri partikolarment in vista tal-fatt illi fil-prezentement il-mnuri qed jirrisjedi ma' missieru il-ghaliex l-intimata omm hija inkarcerata.

Ghar-rigward il-kap tal-ispejjes, ikkonsidrat illi l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez hija regolata mill-ligi u cioe l-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

***"(1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.***

***(2) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra."***

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **HLB Falzon & Falzon vs Josette Xuereb** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Settembru 2004 fejn dwar dan l-artikolu gie spjegat illi:

***"Jinsab ritenut illi "minn din id-disposizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar l'hemm milli tordna illi lispejjez ma jigux intaxxati; salvi eccezzjoni specjalissimi" (Kollez. Vol XLVIII pI p445; Vol XXXIX pI p340; Vol XXVI pI p173);***

***Huwa rikonoxxut pero` li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja malparti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'danakollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez. Gie infatti enuncjat illi "l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi taghna ma jidhirx li kkonsidraw dawk ir-regoli bhala normi talment tassattivi u nflessibbli illi ma jippermettux f'certi kazijiet illi l-parti proceduralment vincitrici tehel lispejjez kollha" (Kollez. Vol XLIX pI p190). B'ezemplari din is-sentenza ssemmi lkaz fejn il-proceduri jsiru fl-interess esklussiv tal-attur u l-konvenut ma jkollu lebda nteress li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda sempliciment formali. Hekk insibu a Vol XXXIII pII p55 illi "jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni millQorti l-ligi ma tipprojbix illi l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha biex taghti dik iddikjarazzjoni pero` a spejjez ta' min jitlobha, jekk il-parti l-ohra***

> ***ma tikkontestax id-dikjarazzjoni". Ezemplari iehor hu dak fejn l-attur jitlob il-korrezzjoni tal-atti tal-istat civili. Anke hawn di norma l-ispejjez jigu sopportati mill-attur."***

Il-Qorti tosserva illi l-attur, hekk kif dikjarat mill-abbli avukat difensur tieghu waqt l-udjenza tats- 6 ta' Lulju 2022, kien obbliga ruhu illi jhallas l-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri inkluz dawk tal-intimata ACM u tad-Direttur tar-Registru Pubbliku. Illi ghalhekk u in vista ta' dan, din il-Qorti jidhrilha illi l-ispejjes <u>*kollha*</u> ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu a karigu tal-attur AC.

**Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tiddikjara li l-eccezzjonijiet tad-Direttur Registru Pubbliku bhala sorvolati jew irtirati, taqta' u tiddeciedi dawn l-proceduri billi:**

1. **Tiddikjara li l-minuri GCM huwa effettivament il-wild naturali tar-rikorrenti AC;**

2. **Tiddikjara illi l-kjamat in kawza VC mhuwiex il-missier naturali ta' GCM;**

3. **Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Ghawdex sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha necessarji fic-Certifikat tat-Twelid ta' GCM liema att ghandu n-numru 136/2011 sabiex jirrifletti din il-verita' dwar il-paternita' tal-minuri fosthom:**

    **Ihassar il-kliem "VC " fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'referenza ghall-Missier it-Tarbija, u minflok inizzel "AC", ihassar il-kliem "the said" fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'referenza ghall-Omm it-Tarbija, ihassar n-numru tal-Karta tal-Identita' Maltija "X" fil-kolonna "Id-Dokument ta' l-Identita" relattiv ghall-missier tal-minuri u minflok inizzel n-numru tal-Karta tal-Identita "Y", ihassar n-numru "33" fil-kolonna "Eta'" b'referenza ghall-missier tal-minuri u minflok inizzel in-numru "49", ihassar l-post "Gh" fil-kolonna "Joqghodu", in kwantu jirrigwarda l-intestata "Missier it-tarbija" u minflok inizzel l-post "F", ihassar il-kliem "EC (Alive)" u minflok inizzel il-kliem "AC" (Alive)" fil-kolonna "Isem u Kunjom il-Missier u jekk hux haj jew mejjet".**

**4. Tordna illi kunjom il-minuri G ghandu jigi sosstitwit minn 'CM' ghal dak "CM."**

**L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu a karigu tal-attur AC.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**

**Deputat Registratur**